**Medjugorje Medjugorje ...**

Medjugorje Medjugorje ...
Din hi l-għajta mpespa tiegħek,
Li tidħol f'ruħi, tiġbidni
U tgħaqqadni dejjem miegħek.

Medjugorje Medjugorje ...

Medjugorje Medjugorje ...
Li minnek ingħata s-sema,
Int test tajjeb għal min qalbu
Tkun trid tassew li tithenna.

Medjugorje Medjugorje ...

Medjugorje Medjugorje ...
Il-waqgħa tal-qlub wisq fiergħa,
Li jinġarru ma' kull elf ħsieb
U qatt ma jkunu mistrieħa.

Medjugorje Medjugorje ...

Medjugorje Medjugorje ...
Imkien Ommn tagħna Marija,
Li mis-sema tiġi żżurna
Hekk qalbna bil-ferħ mimlija.

Medjugorje Medjugorje ...

Medjugorje Medjugorje ...
Imkien dawk l-aħħar nett nett,
Li m'humiex ivvizjati biex
jiġru jġibuhom fuq is-sett.

Medjugorje Medjugorje ...

Medjugorje Medjugorje ...
Imkien min jagħtuh bil-ħarta,
Lil min insewh, warrbuh b'qilla
Bit-taptita jew b'xi karta.

Medjugorje Medjugorje ...

Medjugorje Medjugorje ...
Imkien min ma baqagħlux ħbieb,
Hemm jista' jittama w jara
Miftuħ għalih tal-ġenna l-bieb.

Medjugorje Medjugorje ...

Medjugorje Medjugorje ...
Imkien il-faraġ u s-sogħba,
Mid-dnubiet kbar, żgħar fil-ħajja
Li hi missjoni mhux logħba.

Medjugorje Medjugorje ...

Medjugorje Medjugorje ...
Qawwet il-qrar, is-sawm, it-talb,
Il-quddiesa mar-rużarju
fil-karità wisq jibdlu l-qalb.

Medjugorje Medjugorje ...

Medjugorje Medjugorje ...
l-għażla tibqa' dejjem f'idejk,
Tagħżilx jew le li tisimgħu
Tħallih jħobbok daqs ħbub għajnejh.

Medjugorje Medjugorje ...

Patri Mario Attard OFM Cap
18 ta' Marzu 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.